# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru, 2015

**Talba Nru: 125/2014/VG**

**Roberta SCHEMBRI**

**Vs**

1. **Joseph BUHAGIAR**
2. **Michael BUHAGIAR**
3. **Raymond BUHAGIAR**
4. **NEIL BUHAGIAR**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-28 ta' Frar, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' tlett elef u sitta u sittin euro u tletin centezmi ta' euro [€3,066.30c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Premess illi l-attrici hija l-proprjetarja ta' vettura tal-marka Toyota Avensis, liema vettura ghandha targa ta' registrazzjoni KBN-142;
>
> Premess illi nhar is-26 ta' Lulju, 2012, din il-vettura giet fornuta b'diesel li wara rrizulta li kien kontaminat, minghand Lourdes Service Station operata mill-intimati;
>
> Premess illi, b'konsegwenza ta' dan, l-vettura msemmija garrbet diversi hsarat minhabba l-fuel kontaminat fornut mill-intimati;
>
> Premess illi l-intimati, minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex jissaldaw d-danni sofferti mill-attrici, baqghu inadempjenti u ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti l-ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux:

1. Jiddikjara illi l-intimati huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici konsegwenza ta' diesel ikkontaminat fornut minnhom.

2. Jiddikjara li l-attrici sofriet danni rapprezentanti hsarat fil-vettura bit-targa ta' registrazzjoni KBN-142 fl-ammont ta' tlett elef u sitta u sittin ewro u tletin centezmu (€3,066.30);

3. Jikkundanna lill-konvenuti intimati jhallsu lill-attur is-somma ta' tlett elef u sitta u sittin ewro u tletin centezmu (€3,066.30) in linea ta' danni.

   Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunta in subizzjoni inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' April, 2013 (ittra ufficjali numru 1199/2013)".

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom imressqa fit-8 ta' April, 2014 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi preliminarjament l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-intimati u l-attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u sussegwenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-fuel mibjugh mill-intimati dejjem kien konformi mal-ispecifikazzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti dwar il-kwalita tal-karburanti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti l-intimati ma humiex responsabbli bl-ebda mod ghad-danni li allegatament gew sofferti mill-attrici;

4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi;

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali datata ghaxra (10) ta' Mejju 2013".

Ra l-verbal datat 22 ta' April, 2015 fejn l-Avukat Dottor Yanica Caruana ghar-rikorrenti ddikjarat li la r-rikorrenti u lanqas huha Daniel Schembri ma kienu ghamlu xi rapport kontra l-intimati mal-awtoritajiet koncernati ghar-rigward tal-kontaminazzjoni ta' *fuel*.

Ra l-verbal datat 23 ta' Settembru, 2015 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba odjerna, r-rikorrenti talbet lill-intimat sabiex ihallsuha s-somma ta' tlett elef u sitta u sittin euro u tletin centezmi ta' euro [€3,066.30c] u dan peress li huma bhala operaturi ta' Lourdes Sevrice Station kienu ssupplew il-vettura taghha tat-tip Toyota Avensis bil-pjanca ta' registrazzjoni KBN-142 bi *fuel* ikkontaminat, bil-konsegwenza li l-imsemmija vettura garbet diversi hsarat. L-intimati laqghu ghal din it-talba billi qalu li preliminarjament huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnhom u bejn ir-rikorrenti. Qalu ukoll li t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-*fuel* mibjugh mill-intimati dejjem kien konformi mal-ispecifikazzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti dwar il-kwalita tal-karburanti u li ghalhekk ma huma bl-ebda mod responsabbli ghad-danni li allegatament gew sofferti mir-rikorrenti. Konsegwentement, komplew jghidu l-intimati, t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ikkunsidra;

2. **Ir-rikorrenti Roberta Schembri** qalet li hija ghandha vettura tat-tip Toyota Avensis bil-pjanca ta' registrazzjoni KBN-142, liema vettura kienet tintuza min huha Daniel Schembri minn meta harget mix-showroom. In kontro-ezami, hija qalet li ma kienitx ma huha Daniel Schembri meta huwa xtara l-*fuel* ghal vettura in kwistjoni. Qalet li "*l-hsarat kollha li garbet il-vettura hallashom kollha hu minn butu jien ma hrigt xejn*" (fol. 55). Ziedet tghid li kull ma kellha x'taqsam hi f'din il-kwistjoni kienet li l-vettura kienet registrata fuq isimha ghal bqija ma kellha x'taqsam assolutament xejn.

3. **Daniel Schembri**, xehed u qal li huwa kien isuq il-vettura tat-tip Toyota Avensis bil-pjanca ta' registrazzjoni KBN-142 li hija registrata fuq ohtu Roberta Schembri pero tinstaq minnu. Qal li fis-26 ta' Lulju, 2012 huwa waqaf fil-Lourdes Service Station sabiex jimla l-vettura bil-*fuel* peress li l-livell kien baxx. Qal li nefaq €50 fi *fuel* u esebixxa ricevuta in sostenn ta' dan (dok. DS 4 a fol. 24). Qal li f'xi hin wara nofsinhar il-vettura bdiet tintefa meta huwa jitlaq saqajh min fuq il-gas. Imbaghad il-vettura waqfet u ma riedet tixghel b'xejn. Huwa cempel lil tat-*tow truck* u hadha ghand il-*mechanic* tieghu. Dan qallu li l-*fuel* li kellha l-vettura kien "*kontaminat u li kien qieghed inehhi dan il-fuel minn gol-vettura sabiex ikun jista inaddaf il-parts kollha halli jkun jista jibda jirranga go fiha*" (fol. 14). L-ghada li l-*mechanic* kien qallu li l-*fuel* kien kontaminat huwa kien mar ghand ta' Lourdes Service Station u gie riferut ghand l-intimat Joseph Buhagiar. Kellmu u wara li spjegalu x'kien gara, huwa qallu li "*li ma jistax ikun dak li kont qieghed nghidlu u cioe li kien hemm il-fuel ikkontaminat*" (fol. 14). Qal li l-intimat Joseph Buhagiar kien qallu li ma kellu l-ebda ilment minghand xi klijent iehor li kien ha l-*fuel* minghandu dak-in-nhar. Kompla jghid ix-xhud li huwa nforma lill-intimat "*li l-karozza kienet kwazi xotta mill-fuel u li l-fuel li kien fiha kien kollu mehud mill-pompa tieghu*" (fol. 15). Qal li meta

ra li l-intimat ma riedx jiccaqlaq mill-posizzjoni tieghu, huwa qabad u cempel lill-*mechanic* tieghu Mark Zammit u dan ta' l-ahhar kellem lill-intimat. Zied ighid li "*wara din it-telefonata lili l-intimat Joseph Buhagiar kien biddel l-attitudni tieghu u donnu qisu ried jipprova jirranga. Qalli mur ara xi hsara hemm u mbaghad nirrangaw*" (fol. 15). Qal li l-intimat kien sahansitra qallu sabiex jehodlu d-diesel il-hazin u li hu kien lest li jhallsu mal-ewwel tieghu. Kompla billi qal li huwa ma kienx ha dawn il-€50 peress li ried jara kemm kienu ser jigu t-tiswijiet biex jirranga l-hsara li kienet garrbet il-vettura. Ix-xhud esebixxa erba (4) ritratti mmarkati bhala dok. DS 3 (fol. 22-23) li juru l-*fuel* ikkontaminat u li ttiehdu fl-ufficju ta' l-intimat. B'referenza ghall-imsemmija ritratti, huwa qal li "*f'dan il-vazett jidher ukoll ammont ta' trab*" (fol. 15). L-intimat, kompla qal ix-xhud, infurmah li huwa jixtri d-*diesel* mighand Falzon u minghand l-Enemalta. Qal li l-intimat qallu li huwa kien jitfa d-*diesel* li kien jixtri minghand l-Enemalta u minghand Falzon fl-istess tank u allura ma jkunx jista jkun jaf ta' min kienet il-konsenja li minnha kien ha l-*fuel* huwa dak-in-nhar. Kompla jghid li l-intimat kien tah 4 bottijiet *fuel injector cleaners* u qallu sabiex kull darba li jitfa d-*diesel* fil-karozza huwa jitfa bott sabex jghin fil-process ta' tindif tal-imsemmija *fuel injectors*. Imbaghad fl-4 ta' Awwissu, 2012 huwa reggha tefa' b'€50 *diesel* mill-pompa tal-petrol tal-Gharghur u wara li kien ha parir minghand il-*mechanic* Mark Zammit, huwa zied wiehed minn dawn l-additivi mad-*diesel* li kien tefgha fil-vettura tieghu mill-pompa tal-Gharghur. Il-problemi xorta wahda baqghu u erbat ijiem wara li kien ha l-*fuel* mill-Gharghur sar impossibbli ghalih isuq il-vettura. Fid-9 ta' Awwissu, 2012 huwa ha l-vettura ghand l-agent taghha u cioe Michael Debono Limited. Dan qallu, wara li kien ghamel it-testijiet necessarji, li l-problema li kellha l-vettura kienet minhabba l-kontaminazzjoni tal-*fuel*. Qal li huwa kien ta' l-awtorizzazzjoni mehtiega lil Michael Debono Limited sabiex ibiddel il-partijiet li kien hemm bzonn li jbiddel. Qal li l-vettura huwa reggha hadha lura minghand l-agent fit-23 ta' Ottubru, 2012 u hallsu s-somma ta' €2,776.30c. Qal li min dak-in-nhar tat-tiswijiet mill-agent, il-vettura ma baqghetx tatih problema u huwa imbaghad bieghha. Qal ukoll li huwa kien cempel lill-intimat u kien infurmah bl-ispejjez li kien inkorra u "*huwa nfurmani li ma kienx ser jidhol responsabbli ghal hsara li garbet il-vettura tieghi*" (fol. 17). Ix-xhud qal ukoll li huwa kien qieghed jitlob €50 ghad-*diesel* li kien tefa mill-pompa tal-*fuel* tal-intimati, €50 mill-pompa tal-Gharghur u €190 spejjez li kien hallas lill-*mechanic* Mark Zammit ghall-*parts* u tiswijiet li dan ta' l-ahhar kien ghamel fuq il-vettura tieghu.

In kontro-ezami, huwa qal li huwa dejjem ihalli l-karozza kwazi tizvjota qabel ma jerga jimlieha. L-ircevuta talabha lil *pump attendant* dak il-hin stess u talabhielu peress li huwa kellu dritt jiehu l-ammont li jkun nefaq minghand tax-xoghol. Mistoqsi jekk il-*mechanic* kienx qallu kif kien wasal ghal konkluzzjoni li l-*fuel* kien ikkontaminat, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li "*lili l-mechanic kien qalli li kien ra xi fdalijiet u anke bziezaq li jindikaw l-ilma*" (fol. 51). Pero testijiet ma kienx ghamel. Qabel mal-fatt li huwa, meta kien mar l-ewwel darba ghand l-intimati, ma kienx ha s-*sample* tal-*fuel* ikkontaminat li kien qallu bih il-*mechanic*. Qal li meta l-*mechanic* ifflaxxja t-tank tieghu, huwa kien pogga dan il-*fuel* go *jerry can* li kien tah l-istess *mechanic*. Mistoqsi jekk kienx jaf jekk dan il-*jerry can* kien vojt, huwa qal li ma kienx jaf, kif lanqas ma kien jaf jekk kienx hemm xi fluwidi ta' terzi fih. Qal li imbaghad huwa kien ha zewg vazeeti minn dan il-*jerry can*. Wiehed ghaddieh lill-intimat u l-iehor zammu ghalih. Cahad li l-intimat kien

qallu li kull meta huwa jimla l-pompi bil-*fuel* huwa kien jiehu *sample* ta' dik il-konsenja kif cahad ukoll il-fatt li l-intimat kien qallu li l-*fuel* fil-pompa in kwistjoni dak-in-nhar kienet ta' Falzon Group. Qal li huwa lil MRA qatt ma qalilhom bil-problema li kellu. Dwar il-hsarat li qeghdin jintalbu mir-rikorrenti, li tigi ohtu, huwa qal li kien hallashom hu u dan peress li l-vettura kien juzaha hu minkejja li din kienet registrata fuq isimha. Qabel ukoll mal-fatt li huwa personalment qatt ma kien ghamel xi testijiet fuq dan il-*fuel.*

4. **Mario Buhagiar**, qal li fis-sena 2012 huwa kien *work club supervisor* mat-Toyota. Kompla qal li "*t-Toyora Avensis li kienet giet ghadna kellha l-injectors out of range u li kawza ta' hekk ma kienetx qeghda tistartja l-karozza, dan gie kkawzat minn fuel ikkontaminat fit-tank tad-diesel tat-Toyota Avensis*" (fol. 41). Qal li meta huma fethu l-vettura in kwistjoni ndunaw li l-kulur tal-*fuel* kien differenti. Dan rah b'ghajnejh. In kontro-ezami qal li huma jqabbdu l-apparat mal-*injectors* u minn hemm ikunu jistaw jaraw x'inhi l-problema. Qal li f'dan il-kaz, ir-rizultanzi kienu *out of range*. Kompla jghid li "*l-akbar kawza cioe ghala jkunu out of range huwa minhabba l-kontaminazzjoni tal-fuel. Jista jkun ukoll b'affarijiet ohra*" (fol. 42). Zied ighid li l-*fuel* mit-tank tal-vettura kienu telluh huma min got-tank.

5. **L-intimat Joseph Buhagiar** qal li Daniel Schembri kien mar ha l-*fuel* mill-pompa tieghu u cioe minn Lourdes Service Station gewwa Haz-Zabbar. Qal li ftit taz-zmien wara dan Daniel Schembri mar ghandu u qallu li wara li kien ha d-*diesel* minghandu, l-vettura tieghu kienet wafet. Qal li kien anke gablu xi vazetti biex jurih x'kien hemm u ma kienx hemm fit-tank. Kompla jghid li fi 42 sena li ilu f'dan ix-xoghol qatt ma kellu lment li d-*diesel* jew *petrol* kien ikkontaminat. Zied ighid li "*meta ahna niehdu d-diesel minghand Falzon Group ahna jkollna s-sample, meta niehduh minghand l-Enemalta ma jkollniex*" (fol. 45). "*Dak-in-nhar*" kompla jghid l-intimat "*id-diesel li konna hadna kien minghand ta' Falzon Group. Jien ghad ghandi dan is-sample disponibbli ghandi*" (fol. 45). Huwa esebixxa kopja tad-dokument li kienu tawh ta' Falzon Group u li gie mmarkat bhala dok. JS 1 (fol. 47). Qal li huwa fis-*Service Station* ghandu 4 pompi. Tnejn juzahom ghal *fuel* li jgib minghand Falzon u t-tnejn l-ohra juzahom ghal-*fuel* li jgibu mill-Enemalta. Qal li b'hekk huwa ma jhallatx "*diesel ma iehor jew petrol ma iehor*" (fol. 45). Zied ighid li Daniel Schembri ma kienx mar ghand l-MRA kif kellhu kull dritt li jaghmel biex dawn jinvestigaw l-ilment tieghu. Qabel li huwa kien ta xi affarijiet lil Schembri sabiex ikun jista jnaddaf l-*injectors* izda dan ghamlu b'gest ta' rieda tajba. Sahaq li l-*fuel* tieghu ma kienx hazin u ma jafx x'kellu u ma kellux ir-rikorrenti fit-tank tieghu. Qal li "*jiena s-sample li ghandi u li ghad ghandi sal-lum kont offrejtulu lir-rikorrenti sabiex jiehdu u jivverifikah pero dan baqa qatt ma ghamel xejn minn dan kollu*" (fol. 45).

   In kontro-ezami huwa qal li l-pompa tieghu ghandha erba' tankijiet tad-*diesel* u l-pompa numru 7, li kienet il-pompa minn fejn ha l-*fuel*, Daniel Schembri hija mqabbda mat-tank numru 4. L-intimat qal li huma ukoll kienu baghtu ittra ufficjali fl-10 ta' Mejju, 2013 lir-rikorrenti u li permezz taghha cahdu l-pretensjonijiet avvanzati minnha fl-ittra ufficjali taghha datata 25 ta' April, 2013. Mistoqsi kemm il-*supplier* kellhom dak iz-zmien, l-intimat qal li kellhu tnejn. Lil-Falzon u lill-Enemalta. Mistoqsi jekk setax ihallat d-*diesel* ta' Falzon ma dak ta' l-Enemalta, huwa qal "*le assolutament ma tistax. Ma tistax taqbad*

*u titfa parti ta' Falzon u parti tal_Enemalta gol-istess tank, dan anke minhabba r-regolatur il-ghaliex jekk jigi biex jispezzjona huwa jkun irid ikun jaf ta' min hu d-diesel li jkun hemm fit-tank partikolari. It-tank numru erbgha (4) huwa dejjem ta' Falzon u qatt ma tfajna tal-Enemalta fih*" (fol. 81-82).

6. **Anthony Rizzo**, il-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita ta' Malta Dwar ir-Rizorsi, mistoqsi jekk kienx hemm xi ilmenti ghar-rigward ta' Lourdes Service Station gewwa Haz-Zabbar fuq kontaminazzjoni ta' *fuel* wiegeb fin-negattiv. Qal li wiehed mid-doveri ta' l-Awtorita huwa li jiehdu *samples* regolari mill-*fuel stations* sabiex jaraw li l-*fuel* ikun in regola mal-legislazzjoni applikabbli. Kompla jghid li "*fit-tlettax (13) t'Awwissu, elfejn u tnax (2012) ahna konna hadna sample minn din il-petrol station u skont ir-records taghna li qed nezebixxi kopja taghhom huwa li ma rrizulta l-ebda kontaminazzjoni*" (fol. 60). Dawn it-testijiet isiru *at random* u mhux ghax ikun hemm xi hadd li ghamel xi ilment f'dan ir-rigward. Zied ighid li huma l-ahwa Buhagiar il-persuni licenzjati ta' Lourdes Service Station u jekk ikun hemm ilment, dan jigi registrat taht isem il-pompa. F'dan il-kaz, kompla jghid ix-xhud, ma kienx hemm.

7. **L-Ispettur tal-Pulizija Robert Said Sare** qal li ma kienu saru l-ebda rapporti fil-konfront ta' l-intimati jew fil-konfront ta' Lourdes Service Station gewwa Haz-Zabbar ghar-rigward ta' kontaminazzjoni ta' *fuel*.

8. **Joe Falzon**¸rapprezentant tal-Falzon Group qal li s-socjeta minnu rapprezentata tbiegh il-*fuel* lil Lourdes Service Station gewwa Haz-Zabbar. Kompla jghid li meta huma jbieghu l-*fuel* lil *service station* huma dejjem jaghtu certifikat lil dik is-*service station* tal-prodott li jkunu bieghu. Apparti min hekk, kompla jghid ix-xhud "*ahna inkunu qed naghtu sample ukoll tal-prodott li nkunu qed inbieghu dak il-hin stess lis-service station*" (fol. 72). Dak is-*sample* jigi ssigillat u ffirmat mis-*supplier* umill-persuna li tkun qed tircevieh. Dan jinzamm mis-*service station* sabiex jekk ikun hemm xi diffikulta ikun jista jsir referenza ghalih u ghac-certifikat. Ix-xhud esebixxa dokumentazzjoni (dok. JF 1 a fol. 75) in konessjoni ma *fuel* li huma issupplew f'Malta u Ghawdex kollu bejn is-16 u s-26 ta' Lulju, 2012. Exebixxa ukoll c-certifikat tal-prodott ta' dan il-*fuel* u li gie mmarkat bhala dok. JF 2 (fol. 76). Qal li skond ir-*readings* li hemm fuq dan l-ahhar dokument, dawn kollha jaqaw fil-parametri ta' dak li huwa permessibbli. Esebixxa ukoll tlett fatturi li gew immarkati bhala JF 3 (fol.77), JF 4 (fol.78) u JF 5 (fol.79) li juru l-*fuel* li huma kienu bieghu lil Lourdes Service Station bejn is-17 u l-24 ta' Lulju, 2012. Qal li "*jiena sal-lum qatt ma smajt ilment minghand ta' Lourdes jew li kien hemm xi hadd li lmenta maghhom ghar-rigward tal-fuel li konna bejghnilhom ahna ta' Falzon u lanqas ma gie hadd ghadna biex jghidilna li grat il-hsara fil-vettura tieghu*" (fol. 72). B'referenza ghad-dokument esebit a fol. 37 (recte: 47) tal-process u mmarkat bhala dok. JS 1 huwa qal li qatt ma rah dan id-dokument ghalkemm jista jkun li huwa dokument li huma johorgu meta jkunu taw is-*sample*. Enfasizza pero li ma kienx hemm firma fuqu u allura ghalih ma kienx dokument.

   Ix-xhud qal ukoll li ta' Lourdes kienu avzawh li kien hemm ilment pero *sample* mill-vettura misjuqa minn Schembri qatt ma tawh l-ghaliex dik kienet tkun l-ahjar prova. Qal

li "*minn dawn il-miljun disa mitt elf disa' mija wiehed u hamsin elf hames mija u erbghin litru li bieghejna bejn is-sittax (16) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) u sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju elfejn u tnax ma kien hemm l-ebda ilment formali hlief illi ta' Lourdes kienu baghtulna ittra ufficjali li ghaliha jiena wegibt*" (fol. 73). Qal li l-prodott taghhom dejjem kien konformi mal-ligi.

In kontro-ezami qal li l-*fuel* huwa xi haga likwidu li jfisser li jekk persuna timla tank u ma tkunx battlitu u haslitu, jekk ikun hemm xi haga, dik il-haga ser tibqa hemmhekk. Sahaq li huwa ma jistax jitkellem fuq dan il-kaz "*qabel ma xi hadd jaghtini r-rizultat tal-laboratorju akkreditat tal-kontenut tal-fuel illi kien hemm fil-vettura misjuqa mir-rikorrenti. Dan sallum lili hadd qatt ma tani*" (fol. 73).

Ikkunsidra ulterjorment;

9. L-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati hija li huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-intimati u r-rikorrenti. B'relazzjoni guridika, wiehed jippresupponi l-ezistenza ta' rapport negozjali bejn il-partijiet. Ifisser li jigi kkrejat rapport bejn il-partijiet li minnu jiskaturixxi obbligazzjoni. L-intimati qed isostnu dan il-punt l-ghaliex mid-deposizzjoni jirrizulta li l-vettura in kwistjoni kienet registrata fuq isem ir-rikorrenti Roberta Schembri, izda bhala fatt, kienet tinstaq minn huha Daniel Schembri li sahansitra kien hu li hallas l-ispejjez sabiex tissewwa l-imsemmija vettura. Fil-fehma tat-Tribunal, l-intimati ma ghandhomx ragun fuq dan il-punt l-ghaliex filwaqt li huwa minnu li Daniel Schembri kien hareg l-ispejjez ghat-tiswija, s-sid legali tal-vettura hija r-rikorrenti. Kien ikun ahjar li Daniel Schembri kien ikun parti f'dawn il-proceduri pero kollox ma kollox, stante li l-vettura li gratilha l-hsara kienet tappartjeni lir-rikorrenti u stante li l-ilment huwa dwar kontaminazzjoni ta' *fuel* allegatament mibjugh mill-intimati u li minhabba dan il-*fuel* il-vettura registrata fuq isimha gratilha l-hsara, allura t-Tribunal huwa tal-fehma li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex ir-rikorrenti tkun tista tipprocedi b'dan il-kaz. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati sejra tigi michuda.

10. Dwar il-mertu, hija l-fehma kunsidrata tat-Tribunal, mehud dak li inghad hawn fuq, li r-rikorrenti ma rnexxieliex tipprova n-ness mehtieg bejn id-danni subiti fil-vettura proprjeta taghha u l-allegat kontaminazzjoni tal-*fuel* mehud mill-pompa proprjeta ta' l-intimati.

11. Ir-rikorrenti resqet lill-Mario Buhagiar, addett mat-Toyota, li qal li "*t-Toyora Avensis li kienet giet ghadna kellha l-injectors out of range u li kawza ta' hekk ma kienetx qeghda tistartja l-karozza, dan gie kkawzat minn fuel ikkontaminat fit-tank tad-diesel tat-Toyota Avensis*" (fol. 41) u fil-kontro-ezami, b'referenza ghar-*readings* li kienu ittiehdu meta l-*injectors* kienu tqabbdu mal-apparat taghhom qal li "*l-akbar kawza cioe ghala jkunu out of range huwa minhabba l-kontaminazzjoni tal-fuel. Jista jkun ukoll b'affarijiet ohra*" (fol. 42). Zied ighid li l-*fuel* mit-tank tal-vettura kienu telluh huma min got-tank. Ta' min t-Tribunal izid hawn li Daniel Schembri kien xtara *fuel* iehor mill-pompa tal-Gharghur xi ftit jiem wara li huwa kien ha l-*fuel* minghand l-intimati. Il-*mechanic* Mark Zammit baqa qatt ma ittella jixhed f'dawn il-proceduri minkejja li kienu hu, skond ir-rikorrenti, l-

ewwel persuna li kien qal li l-hsara grat minhabba l-kontaminazzjoni. Da parti taghhom l-intimati, proprjament l-intimat Joseph Buhagiar, ghax kien l-uniku wiehed li xehed minnhom qal li hadd ma kien ilmenta bid-*diesel* li kien ha mill-pompa dak-in-nhar hlief ghal Daniel Schembri, hu r-rikorrenti. Qal li huwa kien ta xi addettivi lil dan Daniel Schembri buona volonta tieghu u mhux ghax kellu xi responsabbilita. Zied ighid li d-*diesel* li kien ha Daniel Schembri minghandu kien ta' Falzon Group u li huma ghad fadlilhom sample tad-*diesel* li kien ha minghand Falzon Group u li kien tpogga fil-pompa li minnha ha l-*fuel* Daniel Schembri. Joe Falzon rapprezentant tal-Falzon Group qal li huma dejjem jaghtu *sample* tal-*fuel* li jkunu ikkonsenjaw lil tal-pompa u li din tinzamm mis-*service station*. Qal li minkejja li l-intimati kellhom dan il-kampjun tal-*fuel* supplit minn Falzon Group u s-*sample* provduta minn Daniel Schembri hadd ma tah rizultat ta' xi laboratorju akkreditat sabiex ikun jista jivverifika jekk il-*fuel* kienx minn tieghu jew le. Di piu, r-rikorrenti kellha kull opportunita li tezamina l-*fuel* li kien hemm fil-vettura taghha u l-*fuel* li kien gie supplit minn Falzon Group u dan skond ma inghad fl-ittra ufficjali mibghuta mill-intimati lilha fl-10 ta' Mejju, 2013 (fol. 84). Dan baqghet ma ghamlitux. Ir-rapprezentant tal-Falzon Group ukoll qal li "*minn dawn il-miljun disa mitt elf disa' mija wiehed u hamsin elf hames mija u erbghin litru li bieghejna bejn is-sittax (16) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) u sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju elfejn u tnax ma kien hemm l-ebda ilment formali hlief illi ta' Lourdes kienu baghtulna ittra ufficjali li ghaliha jiena wegibt*" (fol. 73). Ghalhekk, kif diga inghad, it-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrenti ma rnexxielhix tipprova l-kaz taghha u konsegwentement sejjer jichad it-Talba.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati dwar in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejnhom u bejn ir-rikorrenti, jilqa l-kumplament ta' l-eccezzjonijiet u konsegwentement jichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez, ghajr dawk ta' l-ewwel eccezzjoni, ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrenti.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**